*Biex ma jintesiex ...*

# Fabrizio Bartolo
## Skultur Mosti



*kitba ta'* **Louis VASSALLO**

**It-twemmin** reliġjuż, flimkien mad-devozzjoni popolari u tradizzjonali tal-poplu tagħna, kienu ta' ispirazzjoni għal diversi skulturi biex jesebixxu t-talenti tagħhom fil-knejjes, fit-toroq u l-imsieraħ ta' dawn il-gżejjer matul il-milja taż-żmien. L-iskultura hija arti qadima ħafna. Biżżejjed niftakru fl-imqades neolitiċi u nġibu quddiem għajnejna dawk id-disinji mnaqqxin b'sengħa fil-ħaġar ġgantesk. Din l-arti titlob ħidma fiżika bil-bosta, abiltà, sabar u kontroll sħiħ tal-materjal użat. L-iskultura turina l-oġġett jew il-ħsieb f'għamla solida u msawrin fi tliet dimensjonijiet. Ngħidu aħna tista' tkun bil-forom jidhru sħaħ minn kull naħa jew bħala busti u kif ukoll tista' tkun xi riliev bil-figuri mqabbżin 'il barra mill-isfond. Sa mill-qedem, l-iskulturi Maltin sabu l-ġebla Maltija bħala meterjal addattat biex jagħtuha forma u movimenti. Il-purċissjoni sħiħa ta' statwi li ħafna minnhom jinsabu għall-irdoss ta' xi niċċa artistika, huma xhieda tal-ħila ta' min ħadimhom u kif ukoll tal-kult Nisrani Malti li jiddistingwina bħala nazzjon li jemmen f'Alla l-ħaj.

### *Skulturi ta' ħila*

Il-Mosta wkoll tista' tiftaħar bi skulturi ta' ħila li għamlu isem għalihom. Ilkoll kemm huma ħabirku biex raħalhom ikompli jisbieħ b'għadd ta' xogħol artistiku li jinsab isebbaħ lir-Rotunda u l-wiċċ tal-Mosta. Xi wħud minnhom ħadmu diversi statwi u monumenti li narawhom f'parroċċi oħra jew fit-toroq ewlenin ta' pajjiżna. Mastru Antonio Mifsud (1760 - 1830) kien magħruf bħala "in-Najċi". Ħallielna diversi statwi u monumenti, fost dawn ta' l-aħħar insemmu dak ta' Sir Joseph Nicholas Zammit li jinsab fil-Barrakka ta' fuq fil-Belt Valletta. Mifsud jibqa' meqjus bħala l-istatwarju li ppopolarizza t-teknika tal-kartapesta f'pajjiżna. Artist ieħor Mosti li ħalla għadd sabiħ ta' statwi tal-ġebel immxerrdin ma' Malta kollha, hu bla dubju Mastru Salvatore Dimech (1805 - 1887) magħruf bil-laqam ta' "is-Sartx". Apparti l-istatwi titolari ta' Ħal Balzan u dik oriġinali tal-Mosta, skolpiti fl-injam, ħadem ukolldiversi xogħol ta' skultura ġewwa l-Kon-Katidral ta' San Ġwann tal-Belt u fit-Teatru Rjal. L-istatwa kbira ta' Missierna San Pawl li tinsab tisserdak bi ġmielha fuq il-Gżejjer, tibqa' marbuta ma' ismu. Skultur ieħor Mosti li minn barra d-diversi statwi li ħadem, ħa ħsieb jirrestawra bosta statwi tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħaż-Żebbuġ, hu Giuseppe Caruana (1887 - 1973). Dan, kellu l-laqam "tal-Marċjol".



*Mixja mat-toroq imserrpa ta' raħal qadim malajr tlaqqagħna ma' tant niċeċ u statwi li huma frott ta' missirijietna. L-istatwa ta' San Ġużepp li qegħda sserraħ fuq mensola sabiħa, kien ħadimha Fabrizio Bartolo biex ikompli jsebbaħ il-faċċata ta' daru.*

*(ritratt: Louis Vassallo)*

Nisħaq bla tlaqliq li l-artist Mosti ta' żmienna mhu ħadd ħlief Ġanni Bonnici. Fost l-ewwel xogħol tiegħu, insibu l-iskultura fil-ġebel li tirrappreżenta lil Santa Marija Goretti. Din tinsab fil-faċċata ta' l-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Aħna u deħlin fil-Mosta, Bonnici tana l-Monument tal-Qalbiena Mostin. Dan l-iskultur għandu l-unur ukoll li ħadem il-Monument ta' l-Indipendenza li jinsab qabel taqbad Ġnien il-Mall fil-Floriana. It-talent żagħżugh żgur li mhux nieqes. Fost numru ta' studenti żgħażagħ li qabdu t-triq ta' l-iskultura, il-Mosti Savio Deguara jidher li għandu futur sfidanti. Illum, Deguara jinsab jgħallem is-sengħa ta' l-iskultura fl-iskola ta' l-artiġġjanat Salvatore Dimech, f'Tarġa Gap.

## "Il-Mosta Ġnien"

Mons. Pawlu Mallia, meta kien Arċipriet tal-Mosta bejn l-1907 u l-1929, kien iħobb jgħid:



*Isem Fabrizio Bartolo hu marbut ma' bosta rilievi tal-ġebel li jinsabu mxerrdin mal-Mosta. Dan ir-riliev sabiħ tal-Qalb ta' Ġesù jinsab fuq dar nru. 54 fi Triq il-Kbira.*
*(ritratt: Louis Vassallo)*

"Il-Mosta ġnien". Il-mogħdijiet, il-passaġġi, l-istatwi u l-funtani li wieħed għandu jiltaqa' magħhom ġo ġnien sabiħ, faċilment jistgħu jitqabblu ma' l-isqaqien, it-toroq dojoq u man-niċeċ li qegħdin isawru dan il-lokal ċentrali ta' Malta. In-niċeċ u l-istatwi għandhom post importanti fl-istorja reliġjuża u soċjali ta' Malta u Għawdex. Fil-Mosta n-niċeċ ma jonqsux. Fil-fatt bejn niċeċ u statwi kbar insibu xejn inqas minn sebgħin waħda mxerrdin f'ħafna rkejjen jew fil-kampanja. Bosta minnhom huma antiki ferm, oħrajn li mhumiex daqstant qodma u oħrajn kontemporanji. Insibu żewġ niċeċ li huma uniċi fil-gżejjer Maltin. Dawn huma ta' San Anġeliku, martri Karmelitan u ta' Santa Barbara. Fi Frar 1999, il-Kunsill Lokali organizza wirja ta' ritratti li tatna l-opportunità li niflu mill-viċin ix-xogħol artistiku li jippossiedu dawn in-niċeċ. Mhux il-ħsieb tiegħi li noqgħod nidħol fid-dettal ta' l-istorja u l-kult li hemm minsuġin madwar kull niċċa li tinsab fil-Mosta. Il-ħabib tiegħi, Tony Terribile mhux l-ewwel darba u tnejn li kiteb u tħaddet fuq dan il-wirt prezzjuż. Irrid biss li dan l-artiklu jixħet dawl ta' għarfien fuq FABRIZIO BARTOLO. Dan l-iben il-Mosta, kellu ferm għal qalbu s-sengħa ta' l-iskultura. Għalkemm ismu mhux meqjus fil-grad "tas-Sartx" jew""tan-Najċi", xorta waħda dan l-artist dilettant ħallielna bosta opri sbieħ li għadhom isebbħu r-Rotunda u t-toroq Mostin sal-ġurnata tal-lum.

## Il-ħajja ta' Fabrizio

Fabrizio Bartolo twieled nhar l-14 ta' Jannar 1888. Missieru kien jismu Jo Maria waqt li ommu kienet mgħammda taħt l-isem ta' Anna, imwielda Fenech. Iċ-ċkejken Fabrizio tgħammed dak il-jum stess fil-knisja tar-raħal mill-ewwel Arċipriet tal-parroċċa tal-Mosta, Rev. P. Xuereb. Ix-xemx minn fil-għodu turik, jgħid il-Malti. Meta kien għadu daqsxejn ta' tfajjel, Fabrizio kien isib xi biċċa ġebla ratba jew zokk u jintasab għad-dell ta' xi ħarruba lejn il-ħâra ta' Wied is-Sir. Hemmhekk kien joqgħod jonqox bis-sabar u l-paċenzja



*Bizzju kien joqgħod f'din id-dar, nru. 13 fi Triq Sant'Anna, fejn kellu wkoll il-ħanut tax-xogħol tiegħu. Illum, id-dar ta' Fabrizio hi msejħa bħala* **'house of character'.**
*(ritratt: Louis Vassallo)*

għadd ta' figuri ta' qaddisin. 'Bizzju', kif kien magħruf mal-Mostin, kien tgħallem is-sengħa tal-mastrudaxxa. Kien jaħdem diversi xogħlijiet skond it-talba u l-ħtieġa tal-klijenti tiegħu. Saħansitra kien għamel xi żmien jaħdem it-twiebet!

Ta' 34 sena żżewweġ lil xbejba Mostija, Maria Dolores Buhagiar. Huma ngħaqqdu fis-sagrament taż-żwieġ nhar l-4 ta' Ġunju 1922 fil-knisja tal-Mosta. Ix-xhieda kienu Carmelo Micallef u Joseph Farrugia waqt li Rev. Paul Mallia mexxa ċ-ċerimonja tat-tberik taċ-ċrieket. Din il-koppja kienet toqgħod fid-dar Nru. 13, Triq Sant'Anna, fejn biswit ir-remissa ta' maġenbu, Fabrizio kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu. Mal-faċċata tad-dar ħdejn il-gallerija, Bizzju sawwar statwa sabiħa ta' San Ġużepp u poġġieha fuq mensola artistika tal-ġebel maħduma wkoll minnu stess. Quddiem din l-istatwa għadu jidher il-fanal tal-ħadid li jfakkarna fi drawwiet missirijietna qabel ma ddaħħal id-dawl elettriku f'pajjiżna. Imma fid-dinja mhux kollox hu ward u zahar, għax wara xi snin Fabrizio romol. Il-ħajja trid tkompli għaddejja u għalhekk, hu reġa' żżewweġ lil ċerta xebba min-Naxxar, Victoria Cachia. Tul ħajtu, Bizzju baqa' ma kellux tfal miż-żewġ nisa li kellu.

## Mudell sabiħ

Jingħad li l-ewwel biċċa xogħol ta' skultura li kisbitlu suċċess, kien mudell sabiħ ħafna tal-knisja tal-Mosta.



*"Dan il-mudell tal-ġebel tal-knisja Rotunda tal-Mosta, maħduma minn Fabrizio Bartolo fl-1925, ġie mogħti lil din il-knisja Arċipretali mis-sur Joseph Grech b'tifkira ta' martu Carmen, 25/05/1998." Hekk insibu miktub fuq il-plakka li naraw ma' din il-minjatura ta' preġju kbir.*
*(ritratt: Louis Vassallo)*

Din il-minjatura stupenda tar-Rotunda ta' Grognet kienet ġiet skolpita fil-ġebla tal-franka minn Fabrizio Bartolo. Ix-xogħol kien bdieh fl-1921 u ħadlu erba' snin biex temmu. Dan l-artist Mosti kellu x-xewqa li dan il-mudell jirregalah lill-parroċċa, imma d-destin ried xorta oħra. Joseph Grech, "il-Paramount" kien xtara din il-minjatura mingħand it-tieni mara ta' Bizzju. Għal żmien il-festa ta' Santa Marija, "il-Paramount" kien jesebixxi din l-opra artistika fid-dar li għandu fil-pjazza tal-Mosta, fejn illum hemm ħanut tad-deheb. Bosta Maltin u turisti kellhom l-opportunità li jammiraw dan ix-xogħol ta' ħila u eleganza filġebla. Lejn l-aħħar tas-snin disgħin, Ġużeppi "l-Paramount" wettaq fil-prattika x-xewqa li kellu Fabrizio meta ppreżenta dan il-mudell lill-Arċipriet Dun Joe Carabott. Illum jinsab għall-wiri fis-sagristija tal-knisja fuq in-naħa ta' fejn hemm il-monument tal-bomba. Biex ħadem dan ix-xogħol mill-aktar fin, Bizzju kellu joħloq huwa stess għadd ta' skriepel u furmaturi żgħar. Dawn l-għodod jinsabu nkorporati f'qafas tal-ħġieġ li bih hu protett dan il-mudell prestiġjuż.

## Tnax-il riliev

Inkoraġġit min-nies tar-raħal, Fabrizio beda jieħu l-arti ta' l-iskultura fil-ġebel b'serjetà kbira. Fil-fatt isem Fabrizio Bartolo hu marbut ma' tnaxil riliev imxerrdin mal-faċċati tad-djar Mostin. Dawn l-ispeċi ta' niċeċ żgħar f'għamla tonda jew kwadra, huma kollha wegħdi ta' wara l-gwerra. Id-distanza relattivament qasira bejn il-Mosta u l-ajruport f'Ta' Qali nislet biża' kbir fost in-nies ta' dan ir-raħal. Meta ntemmet il-gwerra, għadd ta' Mostin ordnaw dawn ir-rilievi bħala radd ta' ħajr talli baqgħu qawwijin u sħaħ. Id-dedikazzjoni ta' dawn ir-rilievi u niċeċ ma jistax jonqos li jvarjaw ħafna. Minħabba xi ċirkostanza partikolari jew għal xi raġuni oħra, il-qaddisin u d-devozzjonijiet ukoll kien ikollhom, u nistgħu ngħidu li għad għandhom, il-*hit-parade* tal-mument tagħhom! Ikun tajjeb jekk nuikkummentaw fuq xi wħud minn dawn ix-xogħlijiet li nħadmu b'tant imħabba u fidi minn idejn Bizzju.

Fi Triq Ġilormu Cassar fuq dar 21 u 23 naraw riliev żgħir u sabiħ tal-Qalb ta' Ġesù f'forma ta' kwadru. Fih xogħol dettaljat u hi tassew ħasra li billi jinsab fil-għoli wieħed ma jistax japprezza biżżejjed ix-xogħol dettaljat li fih.

Fil-bidu ta' Triq il-Pont, l-attenzjoni tagħna taqa' fuq żewġ rilievi sferiċi ddedikati lill-*Ecce Homo* u lil Marija Addolorata.

Fuq dar nru. 186 Triq it-Torri, niltaqgħu ma' riliev ieħor ta' Ġesù Nazzarenu.

Fi Triq il-Kbira naraw erba' rilievi, li huma tal-Qalb ta' Ġesù, ta' Sant'Antnin u tnejn ta' San Ġużepp.

Mal-faċċata tad-dar nru. 5 Triq Brittanja, nilmħu xogħol ieħor ta' Fabrizio Bartolo u dan jirrappreżenta lill-Familja Mqaddsa. Hu riliev sabiħ b'xogħol tassew iddettaljat u jinsab imżejjen bl-indulġenzi mogħtija fl-1946. Taħt dan il-riliev tinsab skrizzjoni li tgħid li kulmin ilissen xi talba hekk kif jieqaf quddiemu tingħatalu indulġenza, jiġifieri tiġi mogħtija maħfra mill-knisja għal xi piena ta' dnubiet. Dawn l-indulġenzi għadhom turija ta' twemmin missirijietna u kif ukoll wirja ta' devozzjoni tradizzjonali li kienet temmen bis-sħiħ fit-talb u l-adorazzjoni.




*Mal-faċċata tad-dar nru. 5, Triq Brittanja, nilmħu dan ix-xogħol li jirrappreżenta lill-Familja Mqaddsa.*
*(ritratt: Louis Vassallo)*

## "Ir-ruħ"

Ix-xbieha li kienet tirraffigura ruħ tal-purgatorju u li kienet mibnija ma' ħajt tas-sejjieħ fi Triq Durumblat, hija biċċa xogħol skolpita minn Bizzju. Din kien ħadimha wara li, fi żmien it-tieni Gwerra Dinjija, ix-xbieha oriġinali kienet ġiet imkissra minn suldat Ingliż ta' l-*Air Force*, stazzjonat f'Ta' Qali. Ftit tas-snin ilu, "ir-Ruħ", kif kienet magħrufa mal-Mostin, kienet insterqet. B'xorti tajba din ix-xbieha kienet instabet. Minflokha, fi Triq Durumblat saret kopja tagħha maħduma mill-iskultur żagħżugħ Mosti, Savio Deguara. Dik ta' Fabrizio Bartolo, kien ġie deċiż li titpoġġa fiċ-ċimiterju tal-parroċċa biex tkun aktar protetta. Imma

għall-magħmul mhemmx kunsill għax din ix-xbieha reġgħet ġiet misruqa għat-tieni darba fi żmien qasir! Hi tassew ħasra għax din il-biċċa xogħol hija tal-poplu kollu u mhux biss ta' xi ħadd li qabad u ħadha biex igawdiha hu biss! L-istatwi u n-niċeċ huma patrimonju tal-maltin u l-Għawdxin kollha. Għandhom jittieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex ma jingħatax ċans biex isir serq u vandaliżmu.

## *Opri fir-Rotunda*

Kif semmejna aktar qabel, Fabrizio kien mastrudaxxa prim u għalhekk ma setax jonqos li jitwebbel huwa wkoll biex jaħdem xi opri fl-injam għall-knisja monumentali tal-Mosta. Il-ġmiel li joffri s-sett ta' vari tal-passjoni ndokrati fit-tempju ta' raħal twelidu maħduma l-biċċa l-kbira minnhomm minn Karlu Darmanin, magħruf bħala 'l-Prinċep ta' l-Istatwarji Maltin', qanqal lil Bizzju biex jaħdem xi ornamenti għal dawn l-istatwi tant sbieħ. Fabrizio, li kellu l-laqam "Tal-Wanni" kien ħadem is-salib ta' l-injam tassew sabiħ biex jitpoġġa bejn is-swaba ta' l-anġlu tal-vara ta' l-Ort flok ieħor li kien qdiem. Flimkien ma' sieħbu mastrudaxxa Luqa Galea, magħruf bħala "Tat-Tork", ħadmu l-bankuni u l-bradelli tal-Vara l-Kbira, tar-Redentur u tad-Duluri. Bizzju u mastrudaxxa ieħor ħabib tiegħu, ċertu wieħed Ċensu Mifsud "Ta' Pietru Pawl" ħadmu xi bibien għall-knisja ta' l-Imġarr. L-aħħar snin ta' xjuħitu, Fabrizio għaddihom l-isptar San Vinċenż de Paula. Hemmhekk kien imur iżuru ta' spiss l-iskultur Marku Montebello. Bħala ġest ta' ringrazzjament għall-kumpanija li kien joffrilu dan il-ħabib, Bizzju għaddielu l-għodod kollha li kien juża fis-sengħa ta' l-iskultura. Fabrizio Bartolo miet f'dan l-isptar nhar it-30 ta' Mejju 1960 fil-għomor ta' 72 sena. Ġie midfun fiċ-ċimiterju tal-Mosta fil-qabar nru. 73.



*Fil-Mosta, l-iskultur magħruf Karlu Darmanin ħalla timbru li ma jitħassarx. Fost il-vari ta' Darmanin li nsibu fil-Mosta nsemmu l-Ort li sar fl-1866. Bizzju kien twebbel li jaħdem is-salib ta' l-injam li jinsab iżejjen din l-istatwa, flok ieħor li kien għadda żmienu.*

*(ritratt: Raymond Gauci)*

## *Triq għal ismu*

Għal bosta snin wara mewtu, dan il-bniedem iben dehen tal-Mosta, safa' minsi u nieqes mill-ġieħ li jistħoqqlu. lanqas daqsxejn ta' rħama żgħira ma teżisti fuq qabru biex tfakkar lil dan ir-raġel ġwejjed, imma li kien jippossiedi talenti kbar! Ta' lanqas il-koppja żagħżugħa li marret tgħix fid-dar li kellu hu, kienet għaqlija biżżejjed biex waħħlet mal-faċċata lapida taċ-ċeramika li fuqha hemm miktub' "Ta' Bizzju". Imma min jistenna, jithenna. U hekk ġara tabilħaqq! Kien propju fis-sena 2000 li l-Kunsill Lokali għoġbu jsemmi Sqaq Nru. 2 li jinsab fi Triq l-Isperanza għal ismu. Triq Fabrizio Bartolo li tinsab fil-qalba tar-raħal qadim, tibqa' tfakkar lill-Mostin tal-millennju l-ġdid f'min sebbħilhom it-toroq tagħhom b'tant opri sbieħ u devoti.




*Din l-istatwetta tad-Duluri maħduma fil-ġebel minn Fabrizio Bartolo fl-1918, hija propjetà taż-żagħżugħ Mosti Eric Frendo. Din ix-xbieha kienet esebita għall-pubbliku f'Wirja Marjana li l-Għaqda Talent Mosti kienet tellgħet għall-okkażjoni tal-Festa 1999, fir-Razzett tal-markiż, il-Mosta.*

*(ritratt: Louis Vassallo)*

**Referenzi:**


1. Tony Terribile, NIĊEĊ U STATWI FIT-TOROQ MALTIN, (PIN 2000).
2. Joseph Borg u John A. Sant, IT-TOROQ TAL-MOSTA, (Kunsill Lokali tal-Mosta, 1998).
3. Victor Scerri, NIĊEĊ U STATWI FIL-BELT VALLETTA, (Kunsill Lokali Valletta).
4. Brian Bonnici, DELL IS-SALIB FIL-GŻEJJER MALTIN, (SKS 1999).
5. "Il-Mosta", Nru. 127 Novembru-Diċembru 1987, p. 4.
6. SOĊJETÀ FILARMONIKA NICOLÒ ISOUARD, Mosta (Programm tal-festa 1992).
7. SOĊJETÀ FILARMONIKA NICOLÒ ISOUARD, Mosta (Programm tal-festa 2000).
8. Uffiċċju Parrokkjali - Mosta.
9. Ħajr lil Franġisku Buhagiar (in-neputi tar-rispett ta' Fabrizio Bartolo), Dun Edgar Vella, Dun Salv Magro u Mastru Frè Tonna ta' l għajnuna li tawni.